*Sena 50 Nru. 334- Diċembru 2017*

# *Leħen il-*Fgura

*Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali*



## IL-FESTA TAL-MILIED MAGĦNA

Fil-25 ta' Diċembru għandna festa għażiża ħafna li ġġib magħha ferħ u ħajja ġdida – qed nirreferi għall-Milied. F'din il-festa nifirħu lkoll għaliex twieled Kristu Ġesù li ta ħajja mill-ġdid lil kull bniedem, għax Hu bit-twelid tiegħu beda t-triq għall-fidwa tagħna.

Il-Milied huwa żmien ta' ferħ. Dan l-ewwel ferħ ħassewh Marija u Ġużeppi kif raw quddiemhom it-trabija Ġesù li kienu jafu li kellha tkun il-Messija – li l-Lhud kollha kienu tant ħerqana għalih. Iżda l-kotra tal-Lhud kienu qegħdin jistennew wieħed li kellu jkun mexxej u li taħt it-tmexxija tiegħu huma kellhom jinħelsu mill-ħakma kiefra tar-Rumani.

L-aktar li ferħu bil-miġja ta' Ġesù kienu n-nies il-fqar, sempliċi u li ma kellhom l-ebda ambizzjoni fil-ħajja tagħhom. Aħna hemm bżonn li nħarsu b'sempliċità kbira lejn din il-ġrajja kbira fil-ħajja tagħna. Hemm bżonn li nħarsu sewwa lejn dak li wettaq b'imħabba għalina Ġesù tarbija.

J'alla f'kull familja tagħna l-Milied jiġi mfakkar b'sempliċità u ferħ kif ħassewh Marija, Ġużeppi u r-rgħajja ta' Betlehem. Għalhekk inħossu dan il-ferħ billi niltaqgħu ma' Ġesù permezz tal-qrar u nilqugħ permezz tat-tqarbin.

Mela ejjew flimkien ma' tant rigali sbieħ li aħna nagħtu, inħejju rigal ukoll lil Ġesù Bambin. Bħala rigal Hu qed jistenna qalbna, dik qalbna li tant hija għatxana għall-vera mħabba safja u sinċiera.

Flimkien ma sħabi l-patrijiet li jgħinuni fil-ħidma tal-parroċċa, nawgura lilkom u lill-familji tagħkom Milied hieni u s-sena tajba mimlija barka u risq.

***Rev. P. Raymond Calleja O.Carm.***
***Kappillan***



**Il-Kappillan u l-Patrijiet flimkien**
**mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali**
**jawguraw lil kulħadd Milied qaddis**
**u sena mimlija barka.**



# Djarju tal-Parroċċa

Diċembru 2017

| | Diċembru | |
|---|---|---|
| 2 | Is-Sibt | Rużarju meditat wara l-quddiesa tat-7.45am fis-Sala Parrokkjali animat mill-Moviment Madonna ta' Fatima. |
| 3 | Il-Ħadd | L-Ewwel Ħadd tal-Avvent<br>Il-quddiesa tad-9.30am tkun bis-sagrament tal-magħmudija. |
| 8 | Il-Ġimgħa | Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni.<br>Għalkemm mhix festa kmandata nħeġġu lil kulħadd biex jisma' quddiesa. Il-ħin tal-quddies ikun dak bħal ta' nhar ta' xogħol. |
| 10 | Il-Ħadd | It-Tieni Ħadd tal-Avvent. |
| 12 | It-Tlieta | Nofs ta' nhar irtir għat-Terzjarji Karmelitani u l-ħbieb tagħhom fis-Santwarju tal-Ħniena Divina ġewwa n-Naxxar. It-tluq fid-8.45am. |
| 13 | L-Erbgħa | Festa Pubblika. Ħarġa ta' ġurnata bil-quddiesa ġewwa l-Mellieħa.<br>Tluq fid-8:45am minn quddiem il-Knisja |
| 14 | Il-Ħamis | Festa ta' San Ġwann tas-Salib u għeluq it-72 sena mill-wasla tal-patrijiet Karmelitani fil-Fgura. |
| 15 - 23 | Mill-Ġimgħa sas-Sibt | Novena tal-Milied. Matul il-ġranet tan-novena il-quddiesa tas-6:30pm tkun animata minn għaqdiet differenti tal-parroċċa. |
| 17 | Il-Ħadd | It-Tielet Ħadd tal-Avvent<br>Il-quddiesa tad-9:30am tkun animata mill-Kummissjoni Tfal tal-Parroċċa. |
| 19 | It-Tlieta | Il-quddiesa tas-6:30pm tkun animati mill-membri tal-Museum.<br>It-tfal subien u bniet huma mħeġġa biex flimkien mal-ġenituri tagħhom jattendu għal din il-quddiesa. |
| 20 | L-Erbgħa | Fil-quddiesa tas-6:30pm issir il-vestizzjoni tal-abbatini. |
| 22 | Il-Ġimgħa | Fil-quddiesa tas-6:30pm issir il-vestizzjoni u l-professjoni tat-Terzjarji Karmelitani. |
| 24 | Il-Ħadd | Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent u lejliet il-Milied.<br>Filgħaxija ikollna l-quddies tal-Vġili tal-Milied fil-5:30pm u 6:30pm.<br>Bil-lejl il-knisja tiftaħ fid-9:45pm. Fl-10:30pm ikollna l-uffiċċju tal-qari u wara preżentazzjoni mużikali mtellgħa mill-Kor Flower of Carmel. F'11.45pm issir it-translazzjoni bil-bambin u ssir il-priedtka tat-tfal li din is-sena ser issir minn Isaac Caruana u Martha Cassar.<br>F'Nofs il-lejl tibda konċelebrazzjoni solenni tal-festa tal-Milied. |

| | | |
|---|---|---|
| 25 | It-Tnejn | Solennità tat-Twelid ta' Ġesù – Festa kmandata<br>Il-quddies ikun fis-6:00am, 7:00am, 8:00am, 9:30am, 11:00am u 6:30pm. |
| 26 | It-Tlieta | Festa ta' San Stiefnu Martri. |
| 27 | L-Erbgħa | Festa ta' San Ġwann l-Evanġelista.<br>Coffee morning, Tluq fid-8:45am. |
| 28 | Il-Ħamis | Festa tal-Martri Innoċenti. |
| 31 | Il-Ħadd | Festa tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi.<br>Il-quddiesa tad-9:30am tkun animata mill-Kummissjoni Familja u l-Kor Flower of Carmel. Għal din il-quddiesa huma mistiedna l-familji kollha tal-parroċċa. Filgħaxija jkollna l-adorazzjoni bejn l-4:30pm u 5:30pm u l-quddies fil-5:30pm u 6:30pm. Fi tmiem il-quddiesa tas-6:30pm jitkanta it-Te Deum bħala ringrazzjament għal dak kollu li Alla għamel matul din is-sena u tingħata l-barka sagramentali. |

# TBERIK U ZJAJJAR FIL-FAMILJI

**F'Diċembru 2017 u Jannar 2018 - It-tberik jibda' fl-4.00pm.**

**DIĊEMBRU 2017**

Il-Ġimgħa 1 ta' Diċembru: Triq is-Sur (naħa ta' Bormla numri bil-fard).
Il-Ħamis 7 ta' Diċembru: Triq Mary Carter u Triq id-Dejma.

**JANNAR 2018**

Il-Ħamis 4 ta' Jannar: Triq Lorry Sant u Triq Sigismondo Navona.
Il-Ġimgħa 5 ta' Jannar: Triq William Lassel u Triq Aldebaran.
Il-Ġimgħa 12 ta' Jannar: Triq Wistin Levanzin, Wesgħa Ġużeppi Gauci u Triq Fredu Abela.
It-Tlieta 16 ta' Jannar: Vjal Kottoner (naħa numri biż-żewġ).
Il-Ġimgħa 19 ta Jannar: Vjal Kottoner (naħa numri bil-fard).
It-Tlieta 23 ta' Jannar: Triq Merħba (naħa numri biż-żewġ minn Triq San Xmun sa Triq San Tumas).
Il-Ġimgħa 26 ta' Jannar: Triq Merħba (naħa numri bil-fard minn Triq San Xmun sa Triq San Tumas).
It-Tlieta 30 ta' Jannar: Triq Merħba (naħa numri biż-żewġ inkomplu minn Triq San Xmun).
Il-Ġimgħa 2 ta' Frar: Triq Merħba (naħa numri bil-fard inkomplu minn Triq San Xmun).

**Ħinijiet tal-Uffiċċju Parrokkjali**

It-Tnejn u l-Ħamis bejn it-8.30am u l-10.00am
It-Tnejn u l-Erbgħa bejn l-4.30pm u s-6.00pm
Is-Sibt bejn it-8.00am u d-9.00am
Tel: 21802992 Email: carmfgu@onvol.net jew parrocca.fgura@maltadiocese.org

# **MILL-ĦAJJA** tal-Parroċċa



***Daħlu fil-Knisja permezz tal-Magħmudija***

Ellie Camilleri, Leah Marie Dimech, Carmen Frechoso.

***Għaddew għall-Ħajja Eterna***

Mary Carmen Mamo (63), Silvio Borg (74).



## PATRI AVERTAN FENECH O.CARM

Wara li nhar it-2 ta’ Frar 2017 l-Arċisqof ta’ Malta Mons Charles J. Sciluna fetaħ l-Inkjesta Djoċesana għall-Kawża ta’ Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni tal-Qaddej ta’ Alla P. Avertan Fenech Karmelitan, u wara ħidma ntensiva mit-Tribunal u l-Kummissjoni Storika, it-Teologi u bosta li għenu, din l-inkjesta ingħalqet b’suċċess mill-istess Arċisqof nhar l-1 ta’ Novembru 2017. 12,000 dokument relatati ma’ din il-kawża jinsabu Ruma għall-proċess Kanoniku.

**"Aħna riżoluti o Ġesù li nirrinunzjaw kollox għal imħabbtek u imgħannqin mas-Salib tiegħek irridu ngħixu u mmutu bħalek, privi mill-ħwejjeġ żejda tad-dinja, u ma nixtequx ħlief dawk tas-sema. Din hija l-unika xewqa tagħna li nisperaw li tistħoqqilna dik il-ġurnata li niġu ngawduk għall-eternità kollha ġewwa l-Ġenna kin inti wegħidtna. Hekk Ikun."**




## BAZAAR TAL-MILIED

Fis-Sala San Ġorġ Preca fi Triq il-Karmelitani
(Il-knisja l-qadima)

Mis-Sibt 25 ta’ Novembru sal Ħadd 10 ta’ Diċembru
8:30am – 12:00pm
4:30pm – 7:30pm

Issibu groceries, fajjenza, ċikkulatini, xorb, ħwejjeġ ġodda, fashion jewellery, pjanti, Christmas decorations u ħafna affarijiet oħra.

***Ejjew u taraw u tkunu qed tgħinu lill-parroċċa tal-Fgura***

**Michael Cutajar**
*FUNERAL UNDERTAKER*
**E-mail:** michael.cutajar@bell.net.mt
69, St. Helen Str, Cospicua
‘RUSTICA’ 170, Liedna Str, Fgura
**Tel:** 2182 6277, 21896171
**Mob:** 9949 2001, 7982 6277
9942 3440, 9942 4599